MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 21 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 502/2002

**Borg Transportation Limited**

**vs**

**John Debono**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma tas-somma ta' elfejn liri Maltin (Lm2,000) rappresentanti zewg cekkijiet numerati rispettivament 279 u 280, fl-ammont il-wiehed ta' elf Liri Maltin (Lm1,000) u mahruga rispettivament fil-31 ta' Jannar u fit-28 ta' Frar tas-sena 2002, liema cekkijiet gew depositati diversi drabi izda dejjem gew *referred to drawer* u baqghu ma ssarfu qatt sabiex il-hlas baqa' ma sar effettivament qatt, u dan kollu bilanc minn somma akbar prezz ta' diesel mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess. Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut, bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-7 ta'Ottubru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,000.00,0 bl-imghax legali mill-5 ta' Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Rachel Mercieca
Deputat Registratur